FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 18 TA' OTTUBRU, 1996

Avv. Nru. 434/96

The Performing Right Society Ltd

vs

Mario Azzopardi

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' "royalty" fl-ammont ta' Tlettax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm13.50), kif ukoll taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess "royalty" fl-ammont ta' Zewg Liri Maltin u tlett centezmi (Lm2.03), dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 25 ta' Mejju, 1996, Dok.A, in konnessjoni mal-licenzja numru 9823, Dok.B, rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Scruples Too, 19 Tarxien Road, Paola, ghal perijodu mis-6 ta' Mejju, 1996 sal-5 ta' Mejju, 1997;

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz komprizi dawk tal-ittra tal-1 ta' Gunju, 1996, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda tal-P.L. Jonathan De Maria li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

In vista li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni ghadu kollu dovut, kif mitlub fl-avviz; it-Tribunal jilqa t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Hmistax il-Lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu, (Lm15.53), in kwantu ghal Tlettax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm13.50) royalty, kif ukoll taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess "royalty" fl-ammont ta' Zewg Liri Maltin u tlett centezmi (Lm2.Ø3),

Bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Mejju, 1996 sad-data tal-eventwali pagament;

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra tal-1 ta' Gunju, 1996, ghal-hom jigu sopportati interament mil-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.